# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Ottubru 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Joseph Lia**

**Kumpilazzjoni Nru: 31/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Lia detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 307361(M).

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Ottubru, 2014 gewwa d-Dipartiment tar-Registru tal-Artijiet li jinsab numru 116, Triq il-Punent, Valletta ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' Paula Carmen Calleja, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qieghda taghmel jew minhabba li kien qieghda taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Paula Carmen Calleja bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et *sequitur*.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar il-31 ta' Ottubru 2014 fir-Registru ta'l-Artijiet bejn l-imputat u certa Paula Carmen Calleja.

Illi dak in-nhar ta'l-incident l-imsemmija Calleja kienet tokkupa l-kariga ta' *head* tas-*searches unit* fi hdan ir-Registru ta'l-Artijiet. Hija tirrakkonta fid-depozizzjoni taghha li kienet qeghed taqdi lil xi hadd fuq it-telefon meta dahal l-imputat f'l-ufficju taghha. Calleja tghid li l-imputat pogga ma l-iskrivanija taghha meta f'daqqa wahda beda jghajjat li hija kienet pastaza, ardita u arroganti u qatghalha t-telefon. Hi nhasdet u bdiet tipprova tikkalmah u tghidlu biex jghatiha cans peress li kienet qed taqdi lil dik il-persuna fuq it-telefon. Skond Calleja l-imputat insista li la darba kien mar personalment kellu jinqeda qabel il-persuni li jcemplu; aktar minn hekk qallha li kellha interessi personali u beda jaghmel gesti b'subghajh li jindikaw flus. Dan l-incident sehh meta f'l-ufficju kien hemm persuni ohra, kemm kollegi ta' Calleja kif ukoll pubbliku. Calleja tkompli tirrakkonta li l-imputat esiega li jkellem lid-Direttur Generali. Id-direttur pero ma kenitx f'l-ufficju dak il-hin ghalhekk Calleja qabbdietu mas-segretarja. Is-segretarja, certa Roberta Sacco, wara li tkellmet ma'l-imputat bit-telefon marret f'l-ufficju ta' Calleja. Ftit wara li waslet Sacco s-sitwazzjoni kkalmat u l-imputat telaq; Calleja pero ghamlet rapport dwar l-akkadut mal-pulizija. In kontro-ezami Calleja kkonfermat li dak in-nhar stess (meta kienu fit-tarag ghax l-argument kompla hemm) l-imputat skuza ruhu maghha. Calleja kkonfermat ukoll li kliem ta' theddied da parti ta'l-imputat ma kienx hemm. Hija qalet li ghalkemm wara dan l-incident ma kien l-ebda incident iehor u li kull meta l-imputat mar r-Registru ta'l-Artijiet hija qdietu bhal kull persuna ohra hija hassha malafamata bid-diskors u gesti li ghamel l-imputat.

Illi xehedet is-segretarja tad-direttur generali, Roberta Sacco. Hija ikkonnfermat li fil-gurnata in ezami kienet cemplietilha Calleja biex tistaqsi ghad-direttur generali (li dak il-hin ma kenitx f'l-ufficcju) u li ghaddietilha

lill-imputat biex tkellmu hi. L-imputat qallha (lil Sacco) li Calleja hija arroganti kif taqdi n-nies, u li ghandha preferenzi; huwa anke ghamel xi insinwazzjonijiet fuq d-direttur generali minhabba li ma kenitx f'l-ufficju dak il-hin. Sacco ghalhekk marret f'l-ufficju ta' Calleja biex tkellmu personalment lill-imputat. Malli dahlet f'l-ufficju l-imputat qam bil-wieqfa u beda jghajjat, hi pruvat tikkalmah pero baqa' jaghajjat, ghalhekk marret issejjah lill-messaggiera biex johorguh minn hemm. Fil-frattemp pero l-imputat telaq 'l barra minn jeddu ghalkemm kien hemm battibekk iehor fit-tarag hu u hiereg.

Illi taw id-depozizzjoni taghhom zewg persuni ohra li kienu prezenti: Joseph Desira u Angela Chetcuti.

Illi Desira jispjega li l-imputat l-ewwel mar ghandu biex jinqeda, pero r-ricerka li rid ma' nstabitx ghalhekk marru ghand Calleja li kienet qed taqdi lil xi hadd fuq it-telefon. Desira mar f'postu jkompli jaqdi n-nies meta sema lill-imputat jaqtalha t-telefon lil Calleja u jghidilha "*hekk le*" u dan ghax hu (l-imputat) kien cempel il-gurnata ta' qabel u Calleja qaltlu li meta jkollha n-nies quddiemha ma tistax taqdih fuq it-telefon. L-argument bejn Calleja u l-imputat kompla tant li l-imputat wasal biex qallha li ghandha interess personali u ghamel gesti ta' flus. Desira jaf li sar kuntatt telefoniku ma'l-ufficcju tad-direttur generali u li anke giet Roberta Sacco (is-segretarja tad-direttur). Desira ma jafx x'gara oltre ghaliex mbaghad huwa kompla fuq xogholu. Desira jghid ukoll li Calleja kienet ilha xi ghaxar minuti fuq it-telefon qabel ma l-imputat qatghalha l-linja.

Illi x-xhud l-ohra Angela Chetcuti ma tantx tat dettalji fid-depozizzjoni taghha imma tikkonferma li kien hemm argument u li l-imputat qal li Calleja ghandha interess u taghzel lil minn taqdi.

Illi l-imputat, kif kellu dritt jaghmel, ma xehedx pero meta kien qed jigi investigat dan il-kaz huwa rrilaxxja stqarrija li hija esebita in atti. Fiha huwa jghid li kien mar r-Registru ta'l-Artijiet minhabba xi *update* ta' ricerka. Huwa jispjega li kien cempel gurnata qabel u Paula Calleja qaltlu li ma setghetx taghtih l-informazzjoni fuq it-telefon; ghalhekk huwa ghamel appuntament maghha. Meta mar hija kienet qeghda fuq it-telefon taqdi li xi hadd iehor u din it-telefonata damet xi kwarta / ghoxrin minuta b'l-imputat jistenna quddiemha juriha li mhux qed jiehu gost jistenna. Meta Calleja qatghet huwa spjegalha ghalfejn kien mar pero kien hemm xi intopp u jidher li Calleja baqghet ma sabitx ir-ricerka li kellu bzonn; hija qaltlu li ma

setghetx taqdih. Ghal dan id-diskors huwa rreagixxa billi qallha li lil haddiehor tara kif taghmel biex taqdih bit-telefon u lilu qatt ma taqdih bit-telefon. L-imputat kompla jirrakkonta (f'l-istqarrija) li b'dan id-diskors Calleja fehemet li hu qed jghidilha li hi taghmel il-preferenzi ghalhekk hu talab l-intervent tad-Direttur Generali. Minflok id-direttur waslet is-segretarja taghha li, skond hu, kienet gentili hafna; hu fil-fatt jghid ukoll li malli giet Sacco, Calleja dahlet fis-sistema u taghtu l-informazzjoni li kellu bzonn u malli qdietu hu telaq. Zied jghid ukoll li fit-tarag iltaqa mal-messaggier u li tkellem mieghu u li hemm (fit-tarag) ha  b'idejn Calleja u Sacco. Aktar minn hekk l-imputat tenna li Calleja timxi bil-preferenzi ghaliex li x'uhud taqdihom bit-telefon filwaqt li ma xi ohrajn tesiegi li jigu personalment f'l-ufficcju. Indirettament jammetti li huwa qallha li hi arroganti u pastaza.

Illi d-difiza ressqet xhud, in-Nutar Mario Bugeja; pero dan ma ta l-ebda informazzjoni utli fis-sens li jaf li kien hemm okkazzjoni meta mar ir-Registru ta'l-Artijiet u nnota li kien hemm argument bejn l-imputat u impjegata pero ma jiftakarx id-dettalji ta'l-argument, ma jafx x'diskors intqal bejniethom u lanqas jaf f'liema stadju kien l-argument meta wasal hu.

Ikkunsidrat

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni min-naha u dak li qal l-imputat f'l-istqarrija tieghu min-naha l-ohra. Fil-waqt li x-xhieda tal-prosekuzzjoni taw bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni u qablu li l-imputat ghamel gesti b'subghajh[1] li kollha fehemuhom bhala implikazzjoni li kien hemm xi flus involuti. Aktar minn hemm qbil ukoll li meta intervjeniet Roberta Sacco l-argument kien ghadu ghaddej u kompla fil-prezenza taghha ukoll, tant li hija kellha issejjah l-ghajnuna tal-messaggier.

Illi l-imputat minn-naha l-ohra jaghti l-impressjoni li waqt l-argument ma Calleja m'ghamel l-ebda mossa, li dan l-argument kien waqaf qabel ma waslet Sacco u li kollox spicca hemm. Pero il-Qorti m'hiex konvinta li l-incident kien daqshekk semplici u qasir kif pingih l-imputat f'l-istqarrija tieghu. F'l-istqarrija l-imputat jghid li lil Calleja u lil Sacco hadilhom

[1] Is-sinjal jew gest li ghamel l-imputat ghamluh ukoll x-xhieda waqt li kienu qed jiddeponu biex juru ahjar lil Qorti x'ridu jfissru. Huma kollha ghamlu gest bis-swaba ta' idejhom, gest li komunement huwa sinjal ta' flus. Ghandu jigi rilevat li wahda mix-xhieda, Angela Chetcuti, ma qalet xejn dwar dan is-sinjal fid-depozizzjoni taghha.

b'idejhom fit-tarag. Jekk l-incident verament spicca fix-xejn malli Sacco marret f'l-ufficju ta' Calleja, u l-imputat inghata l-informazzjoni li kellu bzonn u telaq 'l hemm, ma tantx hu verosimili li kulhadd jispicca fit-tarag (mal-messaggier) u johdilhom b'idejhom hemm. Anzi dak li qal l-imputat aktar jaghti kredibilita lil verzjoni ta' Roberta Sacco li kellha tmur ghal messaggier u huma u sejrin lura hdejn Calleja u l-imputat ltaqghu mieghu fit-tarag u l-argument kompla hemm u kien hemm li l-incident irrisolva ruhu. F'parti ohra ta'l-istqarrija jghid li Calleja hasbet li hu **kien qed jallega** li hija taghmel il-preferenzi u kien ghalhekk li talab l-intervent tad-direttur generali. Fi kliem iehor l-imputat qed jghid li hu m'ghamel l-ebda allegazzjoni ta' dan it-tip imma kienet biss imaginazzjoni ta' Calleja. Il-verita hi pero li l-imputat mhux talli implika, imma asserixxa esplicitament li Calleja kienet qed taghmel il-preferenzi. Dan qalu lil Calleja stess meta qallha li hi lil hadd iehor taqdih bit-telefon u li lilu qatt ma taqdih fuq it-telefon imma tghidlu biex imur persosnalment; qalu lil Roberta Sacco meta kellimha bit-telefon; u qalu ukoll lill-ufficjal prosekutur meta spjega ghaliex hu qal li Calleja taghmel preferenzi.

Illi tenut kont ta' dan, fil-kuntest tal-provi kollha prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-incident sehh kif irrakkontat Paula Calleja u li l-imputat qallha pastaza u arroganti u ghamlilha gesti li jimplika li kien hemm xi flus involuti f'dawk li hu interpreta bhala preferenzi fil-mod kif kienet qed taqdi lill-klienti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-dispozizzjoni tipprovdi dwar ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku.

Illi l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku,  jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi d-dottrina taghmel distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:

> *Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*.

Illi kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi naturalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Illi l-istess insenjament taghmlu l-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii. Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li*

> *trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.*[2]

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in ezami gie stabbilit li Paula Calleja hija ufficjal pubbliku u li d-diskors u l-gesti li ghamel l-imputat saru lilha personalment u ghalhekk minghajr dubbju li fil-prezenza taghha. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li l-gesti maghmula mill-imputat kienu inekwivoci f'l-implikazzjoni taghhom u li huma ingurjuzi u jnaqqsu r-reputazzjoni, hekk kif m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li din l-ingurja saret waqt li Calleja kienet qed taqdi d-dmirijiet taghha bhala ufficjal pubbliku.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li minkejja li mill-istqarrija tieghu l-imputat donnu qed jimplika li huwa agixxa bil-mod kif agixxa ghaliex hassu urtat bil-mod kif trattat mieghu Calleja, hija tal-fehma li l-imputat ma jistax jibbenefika mid-difiza ta'l-*animus reclamandi* ghaliex il-gesti li saru u l-kuntest li fihom saru zgur jeccedi l-limitu imsemmi mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-bran fuq kwotat. Fil-fatt l-Qorti hija konvinta li dak il-hin l-imputat kien jaf ezattament x'kien ser jiftiehem bil-gest li ghamel u kien propju dak li ried jesprimi; konsegwentement l-element intenzjonali jirrizulta ukoll.

[2] Ref Il-Pulizija vs Amante Camilleri deciza 17.10.1997 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Illi ghalhekk l-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi in kwantu tirreferi ghal ingurja pero mhux ghat-theddied[3].

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-fedina penali kwazi netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-incident u l-fatt li l-imputat skuza ruhu mal-parte leza wara l-incident (ghalkemm privatament u mhux quddiem l-istess nies li kienu prezenti ghall-incident). Dawn il-fatturi kollha jimmilitaw favur piena aktar vicin il-minimu.

Illi dwar it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza kif provdut f'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9, il-Qorti hija tal-fehma li m'hemmx bzonn ta' provvedimenti ta' dan it-tip stante li l-partijiet irrizolvew il-kwistjonijiet ta' bejniethom u bqaghu jiltaqghu regolarment ir-Registru Pubbliku (fejn  l-imputat kien imur minhabba esigenzi tax-xoghol tieghu) u ma kien hemm l-ebda incident iehor bejniethom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fil-waqt li tikkundannah ghal multa ta' tmein mitt Euro (€800) tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6)  xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sitt xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[3] M'hemm l-ebda accenn ghal xi theddied; anzi Calleja tghid li l-imputat qatt m'heddiedha jew ghamel xi haga li tista' tiftiehem bhala theddied.